

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat il-każ lura quddiem il-konvenut sabiex titkompla l-proċedura ta' reġistrazzjoni fir-rigward tat-trade mark tal-Unjoni Nru 14 303 465;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk esposti matul il-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009 u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2016 – C & J Clark International vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-861/16)**

(2017/C 038/62)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: C & J Clark International Ltd (Somerset, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Willems u S. De Knop, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara r-rikors ammissibbli;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1647, tat-13 ta' Settembru 2016, li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti lbies għar-riġlejn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw fil-Vjetnam u li huma prodotti minn Best Royal Co. Ltd, Lac Cuong Footwear Co., Ltd, Lac Ty Co., Ltd, Saoviet Joint Stock Company (Megastar Joint Stock Company), VMC Royal Co. Ltd, Freetrend Industrial Ltd u l-kumpanija relatata magħha Freetrend Industrial A (Vietnam) Co., Ltd, Fulgent Sun Footwear Co., Ltd, General Shoes Ltd, Golden Star Co., Ltd, Golden Top Company Co., Ltd, Kingmaker Footwear Co. Ltd, Tripos Enterprise Inc., Vietnam Shoe Majesty Co., Ltd, u li jimplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU L 245, p. 16);
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni, billi pproċediet mingħajr bażi legali valida, kisret il-prinċipju tal-għoti sanċit fl-Artikolu 5(1) u (2) TUE;
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 266 TFUE billi naqset milli tadotta miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma, C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74;
3. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni, billi imponiet dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet taż-żraben "li twettqu matul il-perijodu ta' applikazzjoni [tar-regolamenti invalidi]", kisret l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 10 (1) tar-regolament bażiku⁽¹⁾, kif ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali (non-retroattività);
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni, billi imponiet dazji antidumping mingħajr ma wettqet evalwazzjoni ġdida tal-interess tal-Unjoni, kisret l-Artikolu 21 tar-regolament bażiku u li, fi kwalunkwe każ, kien manifestament żbaljat li jiġi konkluż li l-istabbilment tad-dazju antidumping kien fl-interess tal-Unjoni;

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni, billi adottat att li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tagħha, kisret l-Artikolu 5(1) u (4) TUE.

(¹) Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2016, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, p. 21).

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2016 – fritz kulturgüter vs EUIPO – Sumol + Compal Marcas (fritz wasser)

(Kawża T-862/16)

(2017/C 038/63)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: fritz-kulturgüter GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: G. Schindler, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sumol + Compal Marcas, SA (Oeiras Carnaxide, il-Portugall)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “fritz-wasser” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 314 753

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Ottubru 2016 fil-Każ R 1510/2015-5

Talbiet

- tirriforma d-deċiżjoni kkontestata b'tali mod li din tiċħad l-appell fl-intier tiegħu;
- tilqa' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 314 753;
- tikkundanna lill-opponent għall-ispejjeż tal-proċedimenti tal-appell u tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż l-oħra.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2016 – Le Pen vs Il-Parlament

(Kawża T-863/16)

(2017/C 038/64)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean-Marie Le Pen (Saint-Cloud, Franza) (rappreżentanti: M. Ceccaldi u J. P. Le Moigne, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew